SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

### Laqgħa Nru. 28/K9/21

Data tal-laqgħa: 15 ta' Frar 2021

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Dott. Albert Buttigieg - Sindku
Guido Dalli – Kunsillier
Adrian Domenic Ellul – Kunsillier
Martin John Sultana – Kunsillier
John Agius – Kunsillier
Sean Gauci – Kunsillier
Rita Dimech Portelli - Kunsilliera

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1) – (2)**

Clayton Luke Mula – Viċi-Sindku (Inc. 18159/21);
Patricia Camilleri – Kunsilliera (Inc. 18237/21);

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech - Skrivana

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Talba**

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Inqrat it-Talba.

**28.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

28.1.01 Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula u l-Kunsilliera Patricia Camilleri talbu li jkunu skużati għal waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**28.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

28.2.01 Is-Segretarju ressaq il-minuti 27/K9/2021 għall-approvazzjoni.

27.2.02 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul talab li ssir korrezzjoni 27.6.01 dwar il-kliem li qal is-Segretarju.

28.2.03 Wara diskussjoni qasira, il-Kunsillier Guido Dalli ppropona l-approvazzjoni ta' Minuti 27/K9/2021.

28.2.04 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul ssekondah fl-approvazzjoni ta' Minuti 27/K9/2021.

28.2.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti Imqajjma mill-Minuti**

28.2.06 Il-Kunsillier John Agius qajjem il-punt dwar 27.4.01, huwa ġie nfurmat li dawn tneħħew illum.

28.2.07 Il-Kunsillier Guido Dalli qajjem il-punt dwar 27.2.08, dwar il-monument tal-Pritz, huwa ġie nfurmat li ntbagħatet ittra bl-Avukat lill-kuntrattur li suppost kellu jagħmel ix-xogħolijiet.

28.2.08 Il-Kunsillier Guido Dalli qajjem il-punt dwar ix-xogħolijiet li qed isiru ġewwa Triq Diodorus Siculus. Is-Segretarju infurmaħ li kien hemm xi korrispondenza min-naħa ta' wieħed mill-inkwilini. Il-Perit tal-Kunsill kellu jirrispondi għal din l-ittra. Saret diskussjoni ta' diversi kunsilliera fuq ix-xogħolijiet li qed isiru f'din it-triq.

28.2.09 Il-Kunsillier Guido Dalli qajjem il-punt dwar 27.4.05 rigward il-bankina ħdejn il-latrina sac-City of London. Huwa talab jekk nistgħux nkelmu l-perit sabiex jgħidilna liema biċċa hija fi stat ħażin biex issir.

**28.3 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen**

28.3.01 Iċ-Ċermen informa li konna ircivejna d-draft agreements tal-fondi mill-Fondi ta' l-Iżvillupp għal Triq Scicluna u l-Open Gym fi Triq Spinola.

28.3.02 Fir-rigward il-laqgħa li kellu mal-Malta Tourism Authority, l-MTA aċċetat li tiffinanzja xogħol ta' restawr tal-għajn taż-żwiemel u r-restawr tal-Qalb ta' Ġesu fi Pjazza Spinola.

28.3.03 Fi Triq il-Karmnu sar ix-xogħol tal-pavimenar. Huwa talab li ssir tabella li ma jgħaddux *heavy vehicles* minn din it-triq.

28.3.04 Iċ-Ċermen informa lil-Kunsill li kellu laqgħa dwar l-*rainwater flooding mal*-Perit Farrugia u t-tim tiegħu, fejn ġie diskuss il-lokalitajiet fejn jistgħu isiru interventi sabiex l-ilma tax-xita jibda jinġabar min-naħa ta' fuq u mhux jibqa' nieżel u joħloq *flooding*.

28.3.05 Fir-rigward l-ATM ġewwa Ta' Giorni il-BOV qed tistenna l-*compliance certificate* sabiex tkun tista' tapplika għall-elettriku. Dan iċ-ċertifikat ser jinħareġ wara li nkunu għamilna garanzija bankarja mac-CRPD ta' €4,000.

28.3.06 Saret laqgħa mal-Ministru ghat-Turiżmu l-Onor. Clayton Bartolo, ġewwa l-Kunsill, waqt din il-laqgħa ġew diskussi diversi temi li jikkonċernaw it-turiżmu ġewwa San Ġiljan, kien hemm ukoll qbil dwar sosten li l-Ministeru tat-Turiżmu jagħti lill-Kunsill mill-MTA u l-FTZ. Inħass ukoll il-bżonn li l-Ministeru u l-Kunsill jikkoperaw flimkien fuq proġetti oħra.

28.3.07 Iċ-Ċermen informa li ntlaħaq ftehim dwar il-barriers ħdejn il-binja tal-GIG.

28.3.08 Fit-24 ta' Frar 2021 iċ-Ċermen flimkien mal-Kunsillier Adrian Domenic Ellul ser ikunu qed jattendu laqgħa mal-Ministru tal-Ekonomija l-Onor. Silvio Schembri.

**28.4 Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

28.4.01 Il-Kunsillier John Agius qajjem il-punt dwar billboard kbir li sar f' Regional Road. Huwa ġie nfurmat li din ma taqax fir-responsabilita' tal-Kunsill.

28.4.02 Il-Kunsillier Guido Dalli talab li jduru it-tabelli tar-residential parking minħabba li ħafna minnhom huma *faded*.

28.4.03 Il-Kunsillier Martin John Sultana talab li jsiru ir-*road markings* fi Triq Spinola, Triq Francis Zammit u Triq Elija Zammit.

28.4.04 Il-Kunsillier Martin John Sultana talab jekk kienx hemm progress dwar Triq Hans Stumme, meta ser tkun qed issir. Huwa ġie nfurmat li din tiddependi min-naħa ta' Infrasructure Malta.

28.4.05 Il-Kunsillier Sean Gauci qajjem il-punt dwar Triq il-Wilga il-parti fejn inqatat is-soft area. Iċ-Ċermen ta informazzjoni li din kien sar intervent min-naħa tal-ħaddiem tal-Cleansing Department.

**28.5 Proġett Ġnien Saver Zarb**

28.5.01 Il-Proġett ta' Ġnien Saver Zarb ġie approvat mill-Planning Authority u mill-Planning Fund u għalhekk issa ser ikun qiegħed jinħadem it-tender. Minħabba li hemm l-ammont ta' €37,000 mill-fondi tal-LESA li jridu jintużaw fi proġett li għalinqas ikun beda sa Mejju, saret talba lill-AKL sabiex dawn il-fondi jmorru għal Ġnien Saver Zarb u mhux għal-ġnien li hemm fi Triq San Mikiel fejn dawn il-flus kienu allokati. Dan minħabba li l-proġett fi Triq San Mikiel ma kienx ser jibda għalissa minħabba l-kwistjoni ta' min hu sid l-art ikkonċernata.

**28.6 Għoti ta' tender – Reconstruction of existing wall;**

28.6.01 Is-Segretarju ressaq it-tender – reconstruction of existing wall. Ġew sottomessi żewġ tenders. Il-Kumitat ta' evalwazzjoni rrakomanda li jintagħżel it-tender ta' Hemm 2 tenders. Wara diskussjoni qasira gie deċiz li tintagħżel l-offerta ta' PROHS minħabba li kienet l-aktar offerta vantaġġjuża.

**28.7 Proposti għall-Ġonna Ġodda f' Ta' Ġiorni;**

28.7.01 Saret diskussjoni dwar proposta mill-Kunsillier Adrian Domenic Ellul biex medda ta' art li tinsab f' Ta' Ġiorni tinbidel fi ġnien kif ukoll teatru grieg. Saru diversi interventi minn kunsilliera oħra u kien hemm qbil li inġibu planning concept min-naħa ta' Ambjent Malta.

**28.8 Rendikont Finanzjarju;**

**28.8.01** Dan ser jiġi ppreżentat fil-laqgħa li jmiss minħabba li kien għadu mhux lest.

**28.9 Talbiet żgħar;**

**28.9.01 Invoice dwar ECAD Membership 2021 (Inc. 18107/21)**

28.9.01.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ma nġeddux is-sħubija.

28.9.01.02 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul ġie skużat fis-6.55p.m.

**28.9.02 Korrispondenza dwar Triq il-Kbira għat-tibdil tal-isem tat-triq (Inc. 17353/20);**

28.9.02.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni u jaqbel ma dawn il-proposti.

**28.9.03 Email dwar City Spotlight St. Julian's (Inc. 17669/21);**

28.9.03.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma japplikax.

**28.9.04 Email mir-Reġjun dwar SPI.SCI.2.2021 Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-Kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet ta' Malta u Għawdex (Inc. 17707/21 & 17764/21);**

28.9.04.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li li napplikaw għal ta' Ġiorni.

**28.9.05 Email dwar EU Convenant of Mayors of the 2021-22 peer learning programme (Inc. 17716/21);**

28.9.05.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma japplikax.

**28.9.06 Email dwar Clean Up Campaign (Inc. 17734/21);**

28.9.06.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill japplika.

**28.9.07 Email dwar taħriġ fl-ewwel għajnuna (Inc. 17849/21);**

28.9.07.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li jintbagħtu l-Kunsilliera kif ukoll l-istaff. U għandha tintbagħat ittra lill-ghaqdiet jekk humiex interessati li jipparteċipaw.

**28.9.08 Email mill-AKL dwar Fondi tal-LESA (Inc. 17852/21);**

28.9.08.01 Din ġiet diskussa qabel.

**28.9.09 Email dwar expression of interest – donation of Palm Trees (Inc. 17880/21);**

28.9.09.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill japplika.

**28.9.10 Korrispondenza dwar double yellow lines (Inc. 17905/21);**

28.9.10.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill jestendi l-ħinijiet tal-unloading sal-5.00p.m.

**28.9.11 Email dwar Ċirk AKL 2021/009 – Attivitajiet Fondi LESA għas-sena 2020/2021. (Inc. 17912/21);**

28.9.11.01 Din diġa inqrat qabel.

**28.9.12 Email dwar PA notice – PA00690/21 (Inc. 17973/21);**

28.9.12.01 Din diġa inqrat qabel.

**28.9.13 Email dwar Sign timings (Inc. 17972/21);**

28.9.13.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din titħalla kif inhi.

**28.9.14 Email dwar Proġett – Każin Banda San Ġiljan (Inc. 17955/21);**

28.9.14.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li niltaqaw mas-Segretarju tal-Kazin Banda San Ġiljan.

**28.9.15 Email dwar SPI.SCI. 3.2021 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021**

28.9.15.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din terġa tingħata lill-Viċi Sindku Clayton Luke Mula.

**28.9.16 Email dwar Geolocation of 38 Charging Pillar Sites visited with Enemalta (Inc. 18079/21);**

28.9.16.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li niltaqaw magħhom.

**28.9.17 Email dwar meeting with St. Julian's LC (Inc. 18121/21)**

28.9.17.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li niltaqaw magħhom.

**28.9.18 Email dwar Dragonara Road – Ramp / Sleeping Policemen (Inc. 18156/21);**

28.9.18.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li dawn ma jsirux.

**28.9.19 Email dwar SPI.SCI.1.2021 – Ċirkulari Skema dwar Restawr ta' Postijiet Monumenti Storiċi. (Inc. 18169/21);**

28.9.19.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ngħidu l-Perit sabiex napplikaw għal arkata li hemm fi Triq Sant' Anġlu.

28.9.20 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sinjura Anna Horvarth dwar installazzjoni ta' bankijiet. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel li dawn jeħlu

**28.10 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

28.10.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 5302 sa 5324. (Ara Appendiċi ‘A’).

28.10.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**28.11 Skeda tal-Pagamenti**

28.11.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi ‘B’)

28.11.02 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ppproponiet l-approvazzjoni tagħhom.

28.11.03 Il-Kunsillier Guido Dalli ssekonda fl-approvazzjoni.

**28.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

28.12.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 25 ta’ Frar 2021 fil-5.00p.m.

28.12.02 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30p.m.

**IFFIRMATI,**

| | |
|---|---|
| **Dott. Albert Buttigieg**<br>**Ċermen** | **Paul Spiteri**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |

**Data:** 25 ta’ Frar 2021